MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Talba Numru. 2412/2002

**Ray Desira**

**vs**

**Tessie Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Ottubru, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' disa' u hamsin lira Maltin (Lm59.00) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar, prezz ta' hwejjeg lilha mibjugha u kkonsenjati, u dan oltre l-interessi miftehma ta' *% fis-sena mill-1 ta' April 2002. Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri nterpellatorji tat-12 ta' April 2002 u tal-5 ta' Lulju 2002 kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Joseph Buttigieg in rappresentanza tal-attur, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ disa’ u hamsin lira Maltin (Lm59.00), bl-imghax legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------